

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1100**tat-30 ta' Ġunju 2022****li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-
ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità
mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċitar mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa se jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu implimentati mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom meta l-Kummissjoni tikkonstata li daww ik-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal daww stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, imma li jkunu qegħdin joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw fi Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe konstatazzjoni ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2021/954, tali konstatazzjonijiet ta' ekwivalenza jenħtieġ li japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (3) Fil-5 ta' Frar 2022, ir-Repubblika tal-Ekwador ipprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim skont is-sistema intitolata "New development". Ir-Repubblika tal-Ekwador għarrfet lill-Kummissjoni li hija tqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tagħha qegħdin jinħarġu f'konformità ma' standard u sistema teknoloġika, li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/953 u li jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Ekwador għarrfet lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador f'konformità mas-sistema "New development" fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

⁽¹⁾ ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

- (4) Ir-Repubblika tal-Ekwador għarrfet ukoll lill-Kummissjoni li taċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejġan maħruġa mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.
- (5) Fl-10 ta' Ġunju 2022, wara talba mir-Repubblika tal-Ekwador, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador huma f'konformità mas-sistema "New development", li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/953, u tippermetti l-verifika tal-awtentività, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador f'konformità mas-sistema "New development" fihom id-*data* meħtieġa.
- (6) Minbarra dan, ir-Repubblika tal-Ekwador għarrfet lill-Kummissjoni li qiegħda toħroġ ċertifikati tat-tilqim interoperabbli għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Spikevax, Sputnik V, BBIBP-CorV, Nuvaxovid, Soberana 02, Soberana Plus, Convidecia, CoronaVac, Vaxzevria, Abdala u Jcovden.
- (7) Ir-Repubblika tal-Ekwador għarrfet ukoll lill-Kummissjoni li ma toħroġx ċertifikati tat-testijiet interoperabbli.
- (8) Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Ekwador għarrfet lill-Kummissjoni li ma toħroġx ċertifikati ta' fejġan interoperabbli.
- (9) Minbarra dan, ir-Repubblika tal-Ekwador għarrfet lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi fl-Ekwador jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fihom tiġi pproċessata biss biex jiġi vverifikat u kkonfermat l-*istatus* tat-tilqim, tar-riżultat tat-test jew tal-fejġan tad-detentur u mhux se tinżamm wara.
- (10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador f'konformità mas-sistema "New development" jitqiesu bħala ekwivalenti għal daww maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 huma b'hekk issodisfati.
- (11) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador f'konformità mas-sistema "New development" jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2021/953.
- (12) Biex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li r-Repubblika tal-Ekwador tkun ikkollegata mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/953.
- (13) Il-Kummissjoni, biex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jkunux aktar issodisfati.
- (14) Biex ir-Repubblika tal-Ekwador tiġi kkollegata mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim maħruġa mir-Repubblika tal-Ekwador f'konformità mas-sistema "New development" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal daww maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 2

Ir-Repubblika tal-Ekwador għandha tiġi kkollegata mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
